MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 1024/2011

**Lorraine Camilleri**

**vs**

**Mark Mallia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tmien mija disgha u sebghin euro (€879) rapprezentanti hlas ghal skola tat-tifel tal-konvenut Nigel ghat-tielet *term* tas-sena 2010-2011 kif ukoll parti mit-tieni *term*. L-attrici talbet l-imghax u l-ispejjez tal-prezenti, inkluz dawk tal-ittra legali tal-21 ta' Novembru, 2011 kontra l-konvenut li minn issa jibqa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra r-riferta a tergo ta' fol. 3 tal-process fejn fit-2 ta' Jannar, 2012 l-avviz tas-smiegh u t-talba odjerna gew "*refused*".

Ra l-verbal ta' l-10 ta' Jannar, 2012 fejn it-Tribunal ordna li l-konvenut jigi notifikat bil-purtier.

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat bit-talba u bl-avviz tas-smiegh fis-16 ta' Jannar, 2012 izda minkejja dan huwa baqa ma pprezenta l-ebda risposta u lanqas ma deher ghas-seduta tas-27 ta' Jannar, 2012.

Ra l-verbal tas-seduta tas-seduta tas-27 ta' Jannar, 2012 fejn id-difensur tal-attrici talab li l-kawza tithalla ghas-sentenza, liema talba giet milqugha mit-Tribunal.

Semgha' x-xhieda ta' l-attrici;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Il-fatti rilevanti, u li jirrizultaw mix-xhieda ta' l-attrici huma s-segwenti:-

i. L-attrici hija sid l-iskola Newark Junior School, f'liema skola, iben il-konvenut kien jattendi u baqa hekk jattendi sa Gunju tas-sena 2011.

ii. Illi l-konvenut kellu jhallas is-somma ta' erba' mija u sitt euro (€406) ghat-*term* li kien jibda minn Jannar 2011 u jispicca f'Marzu, 2011 u s-somma ta' erba' mija u tlieta u sebghin euro (€473) ghat-*term* li kien jibda minn Marzu, 2011 u jispicca f'Gunju, 2011;

Ikkundsidra ulterjorment;

6. Din hi kawza ta' reklam ta' hlasijiet ta' mizati skolastici da parti tal-konvenut ghal edukazzjoni ta' ibnu Nigel.

7. Mill-provi mhux kontradetti jirrizulta li l-konvenut ghad fadallu jhallas lill-attrici s-somma ta' tmien mija disgha u sebghin euro (€879) ghall-zewg *terms* skolastici li jibdew minn Jannar 2011 u jispiccaw f'Gunju, 2011.

Ghalhekk, u anke in mankanza ta’ xi opposizzjoni da parti tal-konvenut, jirrizulta li t-talba ta’ l-attrici timmerita li tintlaqa.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jilqa’ t-talba tal-attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ tmienja mija disgha u sebghin euro (€879). Bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tat-talba odjerna.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------